

Emenda 13**Sophia in 't Veld**

f' isem il-Grupp Renew

Proposta għal rakkomandazzjoni**B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex Jinvestiga l-Użu tal-Pegasus u ta' Software ta' Spjunaġġ għas-Sorveljanza Ekwivalenti**

Investigazzjoni tal-użu ta' Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Premessa Y***Proposta għal rakkomandazzjoni*

Y. billi ħafna żviluppaturi u bejjieġha ***differenti*** tas-software ta' spjunaġġ huma jew kienu rreġistrati fi Stat Membru wieħed jew iktar; billi l-eżempji jinkludu l-Grupp NSO bi preżenza korporattiva fil-Lussemburgu, f'Ċipru, fin-Netherlands u fil-Bulgarija; il-kumpanija omm ta' Intellexa, Thalestris Limited, fl-Irlanda, fil-Greċja, fl-Iżvizzera u f'Ċipru; DSIRF fl-Awstrija; Amesys u Nexa Technologies fi Franza; Tykelab u RCS Lab fl-Italja, u FinFisher (issa mhux operattiva) fil-Ġermanja;

Emenda

Y. billi ħafna żviluppaturi u bejjieġha tas-software ta' spjunaġġ huma jew kienu rreġistrati fi Stat Membru wieħed jew iktar; billi l-eżempji jinkludu l-Grupp NSO bi preżenza korporattiva fil-Lussemburgu, f'Ċipru, fin-Netherlands u fil-Bulgarija; il-kumpanija omm ta' Intellexa, Thalestris Limited, fl-Irlanda, fil-Greċja, fl-Iżvizzera u f'Ċipru; DSIRF fl-Awstrija; ***QuaDream f'Ċipru***; Amesys u Nexa Technologies fi Franza; Tykelab u RCS Lab fl-Italja; u FinFisher (issa mhux operattiva) fil-Ġermanja;

Or. en

Emenda 14**Sophia in 't Veld**

f' isem il-Grupp Renew

Proposta għal rakkomandazzjoni**B9-0260/2023****Kumitat ta' Inkjesta biex Jinvestiga l-Użu tal-Pegasus u ta' Software ta' Spjunaġġ għas-Sorveljanza Ekwivalenti**

Investigazzjoni tal-użu ta' Pegasus u ta' software ta' spjunaġġ għas-sorveljanza ekwivalenti

Proposta għal rakkomandazzjoni**Premessa AD***Proposta għal rakkomandazzjoni**Emenda*

AD. billi Amesys u Nexa Technologies bħalissa qed jiġu mħarrka fi Franza talli esportaw teknoloġija ta' sorveljanza lejn il-Libja, l-Eġittu u l-Arabja Sawdija; billi l-kumpaniji ta' Intellexa bbażati fil-Greċja allegatament esportaw il-prodotti tagħhom lejn il-Bangladesh, is-Sudan, il-Madagascar u mill-inqas pajjiż Għarbi wieħed; billi s-software ta' FinFisher qed jintuża minn għexieren ta' pajjiżi madwar id-dinja kollha, inkluż l-Angola, il-Bahrain, il-Bangladesh, l-Eġittu, l-Etjopja, il-Gabon, il-Ġordan, il-Każakstan, il-Myanmar, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, it-Turkija u s-servizzi tal-intelliġenza tal-Marokk li ġew akkużati li użaw is-software ta' spjunaġġ Pegasus kontra ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u politiċi minn Amnesty u Forbidden Stories; billi mhux magħruf jekk ingħatawx liċenzji ta' esportazzjoni għall-esportazzjoni ta' software ta' spjunaġġ lejn dawn il-pajjiżi kollha;

AD. billi Amesys u Nexa Technologies bħalissa qed jiġu mħarrka fi Franza talli esportaw teknoloġija ta' sorveljanza lejn il-Libja, l-Eġittu u l-Arabja Sawdija; billi l-kumpaniji ta' Intellexa bbażati fil-Greċja allegatament esportaw il-prodotti tagħhom lejn il-Bangladesh, is-Sudan, il-Madagascar u mill-inqas pajjiż Għarbi wieħed; billi s-software ta' FinFisher qed jintuża minn għexieren ta' pajjiżi madwar id-dinja kollha, inkluż l-Angola, il-Bahrain, il-Bangladesh, l-Eġittu, l-Etjopja, il-Gabon, il-Ġordan, il-Każakstan, il-Myanmar, l-Oman, il-Qatar, l-Arabja Sawdija, it-Turkija u s-servizzi tal-intelliġenza tal-Marokk li ġew akkużati li użaw is-software ta' spjunaġġ Pegasus kontra ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u politiċi minn Amnesty u Forbidden Stories; billi mhux magħruf jekk ingħatawx liċenzji ta' esportazzjoni għall-esportazzjoni ta' software ta' spjunaġġ lejn dawn il-pajjiżi kollha; **billi l-ex eżekuttivi ta' FinFisher ġew akkużati mill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku fi Munich talli esportaw teknoloġija ta' sorveljanza lejn it-Turkija mingħajr liċenzja ta' esportazzjoni;**

Or. en

